MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 581/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-konjugi zzewwgu fid-29 ta'Dicembru, 2000;

Illi l-konjugi sseparaw permezz ta' sentenza moghtija mill-Imhallef Noel Cuschieri fil-31 ta' Mejju 2006 kopja legali qed tigi hawn annessa u ghalhekk jirrizulta li ghaddew erba' snin mid-data tas-separazzjoni;

Illi ai finijiet ta’ l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili jirrizulta skond l-istess kuntratt;

(a) Illi l-konjugi ilhom legalment isseparati aktar minn erba’ snin; u
(b) Illi ma jezisti l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u
(c) Illi, ma hemmx tfal u lanqas hemm obbligu ta’ hlas ghall-manteniment, skond l-istess sentenza;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:
(i) Tippronunzja d-divorzju jew il-hall ta’ zwieg bejn il-partijiet, a tenur ta’ l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’Malta;
(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi huwa jaqbel mar-rikorrenti li s-separazzjoni taghhom giet ippronunzjata fil-31 ta’ Mejju 2005 u ghalhekk ghaddew aktar minn erba’ (4) snin;
2. Illi jaqbel ukoll li illum il-gurnata ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
3. Illi jaqbel ukoll li miz-zwieg taghhom ma kien hemm l-ebda tfal u xi obbligu ta’ hlas ghall-manteniment;
4. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghalfejn din il-Qorti ma tippronunzjax id-divorzju jew il-hall ta’ zwieg kif qieghda titlob ir-rikorrenti;
5. Illi pero’ l-esponenti ihoss li r-rikorrenti gabet it-tifrik taz-zwieg taghhom ghar-ragunijiet mahsuba fl-artikoli 38, 40 u 41;

Ghaldaqstant filwaqt li l-intimat jaqbel li din l-Qorti ghandha tippronunzja d-divorzju jew il-hall ta’ zwieg bejn il-partijiet u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jigi irregistrat, l-intimat qieghed jitlob lil din il-Qorti :

1) Tiddikjara li t-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet sar unikament minhabba l-agir tar-rikorrenti peress li tali agir imur kontra dak mahsub fl-Artikoli 38, 40 u 41 tal-Kodici Civli Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-attrici, minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Dicembru, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Mejju 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Illi l-Qorti rat illi fir-risposta tieghu l-intimat talab lill-Qorti sabiex tiddikjara li t-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet sar unikament minhabba l-agir tar-rikorrenti peress li tali agir imur kontra dak mahsub fl-Artikoli 38, 40 u 41 tal-Kodici Civli Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-31 ta' Mejju 2006 u minn din is-sentenza irrizulta illi l-Qorti ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba ingurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-attrici b'mod li z-zwieg tkisser irrevokabbilment u il-Qorti applikat fil-konfront tal-konvenut id-disposti tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-

Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-Qorti rat illi l-intimat ma ghandux ragun jitlob li l-Qorti tiddikjara li t-tifrik taz-zwieg sar unikament minhabba l-agir tar-rikorrenti u kwindi il-Qorti qeghda tichad din it-talba tal-intimat;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------